15 ta' Ġunju, 1951.

Imħallef :
L-Onor. Dr. T. Gouder, LL.D.

Carmelo Borg ne. *versus* Domenico Cachia

**Bejgħ — Klawsola "Soonest" — Terminu — Kostituzzjoni in Mora — Att Ġudizzjarju.**

*Il-klawsola "soonest" addjetta għall-kuntratt bla ma tindika ż-żmien ta' l-eżekuzzjoni tiegħu, tfisser li għandu jiġi mħolli lid-debitur żmien kongruwu u raġjonevoli biex jeżegwixxi l-obligazzjoni tiegħu avut rigward għaċ-ċirkustanzi speċjali. Dan, però, ma jfissirx illi l-konvenzjoni b'dik il-klawsola hija konvenzjoni li tistabbilixxi terminu li l-iskadenza tiegħu tilħasta weħedha biex tikkostitwixxi lid-debitur in mora. Konvenzjoni simili hija każ ta' obligazzjoni li ġġib magħha n-neċessità li dak it-terminu jiġi stabbilit mill-Qorti avut rigward għaċ-ċirkustanzi, u wara li l-kreditur ikun ikkostitwixxa lid-debitur in mora b'att ġudizzjarju. Sakemm ma jkunx kemm dik il-kostituzzjoni in mora, id-debitur jista' jeżegwixxi l-obligazzjoni tiegħu f'kull żmien, u l-kreditur ma jistax jirrifjuta l-eżekuzzjoni ta' l-obligazzjoni fuq il-motiv tar-ritard tad-debitur. Għax il-mora ma tiverifikax ruħha jekk mhux meta l-obligazzjoni tkun skaduta; u dan jiġri jew bl-iskadenza tat-terminu stabbilit, jew, fin-nuqqas ta' terminu, bil-kostituzzjoni in mora tad-debitur, li skond il-liġi tagħna topera ruħha b'interpellazzjoni magħmula b'att ġudizzjarju, dirett lid-debitur biex jintimalu l-inadempiment ta' l-obligazzjoni tiegħu.*

*Għaldaqstant, il-kumpratur li jkun ordna merkanzija bil-klawsola "soonest" ma jistax jirrifjuta li jirċievi l-merkanzija fuq il-motiv li din tkun waslet minn barra b'ċertu ritard, jekk huwa ma jkunx ikkostitwixxa in mora lid-debitur li obliga ruħu li jipprokuralu dik il-merkanzija; u dan avvolja l-kumpratur kien ġie assikurat verbalment li l-merkanzija kellha tasal f'ċertu żmien, imma fil-fatt il-merkanzija tasal wara dak iż-żmien; għax assikurazzjoni simili ma hix sufficjenti biex tistabbilixxi l-fissazzjoni ta' terminu li ma ġiex imsemmi u stipulat fil-konvenzjoni miktuba.*

**Il-Qorti, — Rat l-att taċ-ċitazzjoni li biħ l-attur nomine,** wara li ppremetta illi l-konvenut kien ordna minn għandu

partita imkatar, li l-prezz tagħhom, kompriżi d-dazju u spejjeż oħra, laħaq għas-somma ta' £10. 2. 0, u partita oħra żraben tal-lastku, li l-prezz tagħhom, kompriżi d-dazju u spejjeż oħra, laħaq għas-somma ta' £37. 17. 3; u illi l-konvenut naqas li jirtira din il-merkanzija u jħallas il-prezz tagħha, komplessivament fis-somma ta' £47. 19. 3, non ostante li ġie msejjaħ biex jagħmel hekk bonarjament b'ittra, u mbagħad b'ittra uffiċjali, u għalhekk il-merkanzija ġiet depożitata taħt l-awtorità ta' din il-Qorti b'ċedola tal-21 ta' Lulju 1953; talab illi l-istess konvenut jiġi kundannat iħallas lilu s-somma fuq imsemmija ta' £47. 19. 3, prezz ta' l-istess merkanzija; bl-interessi kummerċjali u bl-ispejjeż tal-ġudizzju, kompriżi dawk ta' l-ittra uffiċjali tal-10 ta' Lulju 1953, tal-mandat ta' qbid, u taċ-ċedola ta' depożitu;

*Omissis;*

Tikkunsidra:

Illi l-fatti li pprecedew il-kawża u taw lok għaliha huma, fil-qosor, dawn. Il-konvenut ordna lill-attur, per mezz tal-pjazzista ta' dan, "knickers", imkatar u "rubber footwear", ossija "beach slippers". L-ordni tan-"knickers" ma ġiex aċċettat mid-ditta esportatriċi, imma ż-żewġ ordnijiet l-oħrajn ġew aċċettati; u b'dan il-konvenut ġie debitament informat mill-imsemmi pjazzista ta' l-attur (fol. 15 u 15 tergo, fol. 17 u fol. 43). Meta dan il-pjazzista ta lill-konvenut dik in-notizja, dan irrispondih illi, ġa ladarba n-"knickers" ma kienux ġejjin, ma riedx il-merkanzija l-oħra, u l-pjazzista wassal dik ir-risposta lill-attur, li rrispondih fis-sens li l-konvenut ikollu jirċievi l-merkanzija bilfors (fol. 43). Fil-21 ta' Mejju 1953, il-konvenut kiteb lill-attur u qallu:— "As up to date I have not received the merchandise, I consider the orders as being cancelled". Fil-kopji ta' l-ordnijiet in kwistjoni, it-tnejn in data 2 ta' April 1953 (fol. 21 u fol. 22), in rigward tad-"delivery", ġiet miktuba l-kelma "soonest". Fit-3 ta' Lulju 1953, l-attur kiteb lill-konvenut biex javżah li kienu waslu l-imkatar, u bagħatlu l-kont tagħhom (fol. 4), u l-konvenut irrispondih bl-ittra tat-2 ta' Lulju 1953, u billi għarrafu d-dispjaċir tiegħu li ma setax jirtira dik il-merkanzija, għar-raġuni li s-sieħbu kien telqu u kwindi sab ruħu [illegible]

trett "to sell the premises" (fol. 19). Fil-fatt il-konvenut għadu ma welliex il-ħanut, imma xehed li għad għandu l-intenzjoni li jwellih (fol. 17 tergo). Fis-6 ta' Lulju 1953, l-attur reġa' kiteb lill-konvenut, din id-darba biex javżah li kienu waslu ż-żraben, u bgħatlu l-kont tagħhom. Il-konvenut ma rtirax il-merkanzija — la l-imkatar u lanqas iż-żraben; u allura l-attur sejjaħlu biex jirtiraha per mezz ta' ittra tal-konsulent legali tiegħu. In segwitu l-konvenut offrielu li jbiegħlu l-merkanzija akkont tiegħu, jiġifieri akkont ta' l-attur, mingħajr profitti għalih (fol. 10 u fol. 17). L-attur ma aċċettax; u allura reġa' uffiċjalment sejjaħlu biex jirtira l-merkanzija; u billi l-konvenut ma rtirahiex, iddepożitahielu taħt l-awtorità ta' din il-Qorti u għamillu din il-kawża;

Tikkunsidra:

Illi l-attur ittrasmetta l-ordnijiet tal-konvenut lid-ditta ta' barra wara xi għaxart ijiem li l-konvenut kien għamilhomlu (fol. 15), u dan l-għaliex kien hemm bżonn li jiġbor ċerta kwantità ta' ordnijiet (fol. 43 tergo):

Tikkunsidra;

Illi l-merkanzija ġiet ordnata fit-2 ta' April 1953 (fol. 21 u fol. 22), u waslet, l-imkatar fit-30 ta' Ġunju 1953 (fol. 4), u ż-żraben fis-6 ta' Lulju 1954 (fol. 5, jiġifieri ż-żraben jumejn aktar minn tliet xhur wara, u l-imkatar jumejn naqas minn tliet xhur wara. Iż-żraben kienu meħtieġa għas-sajf, għaliex, kif xehed il-pjazzista, kienu "beach slippers", u għalhekk f'Lulju ż-żmien kien daħal, għaliex għall-ilbies u l-ħwejjeġ tal-għawm, u ta' l-ispjaġġa wieħed jaħseb f'Malta, bħala regola, qabel ix-xahar ta' Lulju;

Tikkunsidra;

Illi l-klawsola "soonest", "del più presto possibile", "nel termine più breve possibile", "mill-aktar fis", addjetta għall-kuntratt biex tindika ż-żmien ta' l-eżekuzzjoni tiegħu, tfisser li għandu jiġi mħolli lid-debitur żmien kongruwu u raġjonevoli biex jeżegwixxi l-obligazzjoni tiegħu, avut rigward għaċ-ċirkustanzi speċjali. Dana, però, ma jfisserx illi l-konvenzjoni b'dik il-klawsola hija konvenzjoni li tistabbilixxi terminu li l-iskadenza tiegħu tibbasta weħedha biex tik-

kostitwixxi lid-debitur in mora; għaliex, kif igħid Vivante (Vol. IV, 1690), fil-kuntratti fejn jingħad illi l-eżekuzzjoni għandha ssir "nel termine più breve possibile", jonqos kull terminu, u meta fil-vendita ma jkunx ġie konvenut espressament terminu għall-konsenja tal-ħaġa mibjugħa, il-Qorti ma tistax tissupponi terminu fuq il-preżunta volontà tal-kontraenti għall-iskadenza tat-terminu hekk suppost. Każ bħal dan huwa każ ta' obligazzjoni tal-venditur li ġġib magħha n-neċessità ta' terminu li ma ġiex appost fil-konvenzoni, u għalhekk dan it-terminu għandu jiġi stabbilit mill-Qorti avut rigward għaċ-ċirkustanzi, u wara li l-kumpratur ikun ikkostitwixxa l-venditur in mora b'att ġudizzjarju; u sakemm ma jkunx hemm dik il-kostituzzjoni in mora, trattandosi ta' konvenzjoni li ma tistabbilixxix terminu, id-debitur jista' jeżegwiha f'kull żmien, u l-kreditur ma jistax jirrifjuta li jagħti eżekuzzjoni għall-kuntrattazzjoni fuq il-motiv tar-ritard tad-debitur; għaliex il-mora, jiġifieri r-ritard legali, ma tivverifikax ruħha jekk mhux meta l-obligazzjoni tkun skaduta; u dana jiġri jew bl-iskadenza tat-terminu stabbilit, jew, finnuqqas ta' dak it-terminu, bil-kostituzzjoni in mora tad-debitur, li skond il-liġi tagħna topera ruħha b'interpellazzjoni magħmula b'att ġudizzjarju diretti lid-debitur biex jintimalu l-inadempiment ta' l-obligazzjoni tiegħu — dak u ma seħx fil-każ preżenti;

Tikkunsidra;

Illi fil-fattispeċje, kif jirriżulta mill-kopji ta' l-ordnijiet il-klawsola addjetta għall-konvenzjoni hija dik fuq rikordata — "soonest", "mill-aktar fis possibili"; però jirriżulta pruvat illi l-pjazzista ta' l-attur assikura lill-konvenut illi l-merkanzija, speċjalment iż-żraben, tasal mhux aktar tard minn xahar u nofs, jew al pjù xahrejn, mill-jum ta' l-ordinazzjoni tagħha. Il-konvenut difatti xehed..................;

Illi dana kollu, però, ġa ladarba l-konvenzjoni tirriżulta mill-miktub, ma jimpurtax fissazzjoni ta' terminu konvenzjonali. Juri, hu veru, il-premura tal-konvenut li jkollu l-merċi fiż-żmien fuq imsemmi, u l-assikurazzjoni tal-pjazzista, magari ta' l-attur, li jipprokurahielu b'sollecitudini; imma, kif ġie ritenut minn dina l-Qorti fis-sentenza mogħtija

fl-20 ta' Ottubru 1903 fil-kawża "Degiorgio vs. Farrugia" (Kollez. XVIII—III—159), mhux suffiċjenti biex jistabbilixxi l-fissazzjoni ta' terminu konvenzjonali; għaliex, inveru, kif jingħad f'dik is-sentenza, kieku l-intenzjoni tal-kontraenti kienet dik li jistabbilixxu dak it-terminu, kienu jagħmlu menzjoni tiegħu fl-att miktub fejn ġew dedotti l-pattijiet tal-kuntratt; aktar u aktar f'dan il-każ, fejn għall-att miktub ġiet addjetta l-klawsola "soonest", li ġġib nuqqas ta' kull terminu. Meta l-kontraenti jagħmlu bil-miktub il-konvenzjoni, skond it-tagħlim ta' l-imsemmija sentenza ta' din il-Qorti, ma għandux jiġi kunsidrat bħala terminu konvenzjonali l-fatt illi l-istess kontraenti jkunu semmew it-terminu ta' l-eżekuzzjoni tal-kuntratt, jekk dak it-terminu ma jiġix miġjub fl-iskrittura bħala waħda mill-kondizzjonijiet ta' l-istess konvenzjoni;

Għall-motivi premessi;

Respinta l-eċċezzjoni, tiddeċidi adeżivament għall-istanza, li hija sostnuta bid-dokumenti miġjubin ma' l-att taċ-ċitazzjoni;

L-ispejjeż jitħallsu mill-konvenut

---